

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 342/2013

tas-16 ta' April 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 589/2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾ u partikolarment l-Artikolu 121(d) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 ⁽²⁾ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bajd ikun iċċekkjat fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni, li jista' jinftiehem bħala l-verifika tal-konformità ma' kull rekwiżit mogħti fir-Regolament f'kull stadju tal-katina tal-kummerċjalizzazzjoni.
- (2) Madankollu, ċerti rekwiżiti mogħtija fir-Regolament japplikaw fi stadju speċifiku tal-katina tal-kummerċjalizzazzjoni u għaldaqstant għandhom jiġu ċċekkjati f'dak l-istadju. Pereżempju, ċerti rekwiżiti jridu jiġu ċċekkjati fis-sit tal-produzzjoni jew fiċ-ċentru tal-ippakkjar, waqt li rekwiżiti oħrajn iridu jiġu ċċekkjati fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut, skont kif ikun xieraq.
- (3) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, jeħtieġ li tiġi żgurata ċerta flessibbiltà fir-rigward tal-verifiki li għandhom jitwettqu fi stadji differenti tal-katina tal-kummerċjalizzazzjoni.

(4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 589/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 589/2008 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“2. Is-servizzi tal-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiċċekkjaw il-prodotti koperti minn dan ir-Regolament fl-istadji differenti tal-kummerċjalizzazzjoni, skont kif ikun xieraq. Minbarra l-verifiki permezz tat-teħid ta' kampjuni aleatorji, għandhom isiru verifiki abbażi ta' analiżi tar-riskji, filwaqt li jitqiesu t-tip u l-ammont ta' materjal ipproċessat fl-istabiliment ikkonċernat, kif ukoll ir-reġistri tal-passat tal-operatur rigward il-konformità man-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6.